MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF

## LAWRENCE QUINTANO

Seduta ta' l-24 ta' Marzu, 2014

Appell Kriminali Numru. 51/2013

**Il-Pulizija**

**Kontra**

**Adrian Vassallo.**

Il-Qorti

1. Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra Adrian Vassallo, iben Joseph George u Maud xebba Richardson imwieled tas-Sliema fil-25 ta' Marzu, 1955 u residenti 26 Kapinera, Triq Abate Rigord, ta' Xbiex u detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 251155(M)

2. Akkużat talli fl-20 ta' Ġunju, 2012 għall-ħabta tal-ħamsa u nofs ta' wara nofs in-nhar u fis-snin ta' qabel, fil-fond 26 'Kapinera' Triq l-Abate Rigord Ta' Xbiex

a) Żamm xi għasfur, kemm ħaj, kemm mejjet jew parti minn xi għasfur li l-kaċċa jew it-teħid tiegħu huma projbiti taħt ir-regolamenti tal-2006 dwar il-Konservazzjoni tal-Għasafar Selvaġġi u cieo' Zizka Bojod Moticilla alba; Kudirossi Suwed Phoenicurs ochruros; Dizijiet Anthus trivialis, żiemel Prunella modularis; Kalandra Melanocorypha calandra (inkluża fi Skeda 1); Trumbettier Bucanetes githagineus (inkuż fi Skeda 1); u Għasafar tal-Bejt Passer hispaniolensis, kontra dawk id-dispożizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti meta dawk l-għasafar ma kinux ġew iddikjarati u reġistrati mal-Awtorita' Kompetenti sal-31 ta' Mejju 2003 u mingħajr ma kien ingħata permessi jew ċertifikati mill-Awtorita' Kompetenti sabiex iżomm dak l-għasfur u dan bi ksur tar-Regolament 4(1)(e) tal-A.L. 79 ts-sena 2006 kif emendat, L.S. 504.71;

b) Akkużat ukoll talli fl-istess dati, lok, ħin u ċirkostanzi żamm xi għasfur kemm ħaj u kemm mejjet jew parti minn xi għasfur mhux imsemmi fl-Iskeda II jew l-Iskeda III tar-Regolamenti tal-2006 dwar il-Konservazzjoni tal-Għasafar Selvaġġi u cioe' Zizka Bojod Moticilla alba; Kudirossi Suwed Phoenicurus ochruros; Dizzijiet Anthus trivilialis; Ziemel Prunella Modualris; Kalandra Meanocorypha calandra (inkluż fi Skeda 1); Trumbettier Bucanetes githagineus (inkluża fi Skeda 1); u Għasafar tal-Bejt Passer hispaniolenssismeta, meta dawk l-għasafar ma kinux ittieħdu fi StatMembru ieħor fejn ikun jista' jittieħed jew jinqabad legalment taħt id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva tal-Kunsill 79/409/KEE dwar il-konservazzjoni tal-Għasafar Selvaġġi kif ukoll tħat il-Liġijiet ta' dak l-istat Membru l-ieħor u dan l-għasfur ma kienx miġjub f'Malta war l-1 ta' Mejju 2004 u dan bi ksur tar-Regolament 491)(f) tal-A.L.79 tal-2006, hekk kif emendat, L.S. 504.71.

ċ) U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi kkaċċja jew ipprova jikkaċċja, ħa jew ipprova jieħu xi għasfur billi uża kull tip ta' trabokk, kemm bix-xibka u kemm mingħajrha;

4) U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi, waqt li kien qed jonsob jew jikkaċċja kellu fil-pussess tiegħu kull tip ta' trabokk, kemm bix-xiba u kemm mingħajrha;

d) Il-Qorti ntalbet li barra li tagħti l-piena taħt ir-regolament 27 tal-A.L.79 tas-sena 2006 hekk kif emendat, tordna l-konfiska tal-corpus delicti u s-sospensjoni ta' kull liċenzja jew permess maħruġa taħt ir-regolamenti tal-2006 dwar il-konservazzjoni tal-Għasafar Selvaġġi u taħt it-Taqsima XV tal-Kodiċi tal-Liġajiet tal-Pulizija, għall-perjodu applikabbli taħt l-A.L. 79 tal-2006 hekk kif emendat.

3. Rat is-sentenza tat-23 ta' Jannar 2013 li biha l-Qorti tal-Maġistrati ma sabitx lill-imputat ħati tat-tielet u tar-raba' imputazzjoni u għaldaqstant illiberatu minnhom; sabitu aħti tal-ewwel u tat-tieni imputazjoni u kkundannatu jħallas multa ta' €500 u ordnat li l-għasafar għandhom jbiqgħu fil-pussess tal-imputat taħt is-sorveljanza tal-Uffiċjali tal-Mepa li perjodikament għandhom jaċċedu fuq il-post u jżommu kontroll effettiv tal-għasafar indikati.

**Ir-rikors tal-Avukat Ġenerali**

4. Rat ir-rikors tal-Avukat Ġenerali intavolat fit-8 ta' Frar 2013.

5. L-aggravji tal-Avukat Ġenerali huma:

(a) li l-Ewwel Qorti m'odrnatx il-konfiska tal-corpus delicti kif kienet marbuta li tagħmel tassattivament. Lanqas ma jista' jkun li l-uffiċjali tal-MEPA jissorveljaw jew jikkontrollaw l-għasafar selvaġġi fid-djar tan-nies.

(b) li l-Ewwel Qorti kellha tordna s-sospensjoni tal-Liċenzji jew permess maħruġa taħt ir-regolamenti tal-2006 dwar il-Konservazzjoni tal-Għasafar Selvaġġi u taħt it-Taqsima XV tal-Kodiċi tal-Liġijiet tal-Pulizija għall-perjodu applikabbli taħt l-A'L. 79 tal-2006 hekk kif emendat.

6. Semgħet it-trattazzjoni tal-abbli Prosekutur u tal-abbli Difensur.

Ikkonsidrat

7. L-argmument ewlieni tal-Avukat Ġenerali kien li l-Qorti tal-Maġistrati kienet naqset li timxi ma' dak li tgħid il-Liġi u ppruvat ssib soluzzjoni li mhix konfromi mal-Liġi u li tista' toħloq dmirijiet lill-uffiċjali tal-MEPA li ma jkunux jistgħu jaqdu.

8. Min-naħa l-oħra d-difiża ssottomettiet li l-għasafar jistgħu jmutu jekk dawn jintelqu barra minħabba li dawn kienu mrobbijin dejjem fil-magħluq. Tassew li kien hemm għasafar mhux irringjati iżda dawn kienu hekk għaliex dawn trid tirringjahom fl-ewwel jumejn jew tlieta għaliex inkella wieħed ma jkunx jista' jlibbishom closed ring. Żgur li dan mhux każ ta' moħqrija. Id-difiża żiedet tgħid li l-appellat mhux xi kaċċatur.

**Konsiderazzjonijiet Legali.**

9. Fl-appell tiegħu l-Avukat Ġenerali rrefera għal dak li jgħid ir-regolament 27 fis-sub-paragrafu (2) tiegħu. Dan jiddisponi kif ġej:

'(2) Kull persuna li twettaq reat kontra r-regolamenti 4(*b*), 18(1)(*a*), 18(1)(*ċ*), 18(1)(*e*), 18(1)(*f*)(ii)(*aa*), 19 u 24 tista' teħel:

(*a*) meta tinstab ħatja għall-ewwel darba, multa ta' mhux anqas minn ħames mitt euro (€500) iżda mhux iżjed minn ħamest elef euro (€5,000) u l-konfiska tal-*corpus delicti*.

Il-Qorti għandha wkoll tordna s-sospensjoni ta' kull liċenza jew permess maħruġa taħt dawn ir-regolamenti u taħt it-Taqsima XV tal-Kodiċi tal-Liġijiet tal-Pulizija, għal perjodu ta' mhux anqas minn sentejn iżda mhux aktar minn ħames snin;

omissis

Iżda wkoll kull ll persuna li twettaq reat kontra xi regolament mhux imsemmi f' dan is-subregolament, liema reat jinvolvi xi għasfur inkluż fl-Iskeda I jew fl-Iskeda IX, jew tikkaċċja jew tittanta tikkaċċja, tieħu jew tittanta tieħu għasafar mix-ixtajtiet elenkati fl-I s k e d a V I I t e ħ e l , meta t i n s a b ħ a t j a , i l - p i e n a skond i -disposizzjonijiet ta' dan is-subregolament.'

10. L-Avukat Ġenerali rrefera wkoll għall-artikolu 23 tal-Kap 9 li jispjega x'inhu l-'corpus delicti'. Dan jiddisponi kif ġej:

'23. (1) Il-konfiska tal-*corpus delicti,* tal-istrumenti li servew jew li kien maħsub li jservu biex isir id-delitt, u ta' kull ma jkun ġie miksub bid-delitt, hija konsegwenza tal-piena stabbilita mil-liġi għad-delitt, ukoll jekk il-konfiska ma tkunx espressament imsemmija fil-liġi, barra minn meta persuna, li ma tkunx ħadet sehem fid-delitt, ikollha jedd fuq dawk l-oġġetti.'

**Applikazzjoni tal-Liġi għall-fatti**

11. Mis-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati jirriżulta li l-appellat instab ħati tal-ewwel żewġ imputazzjonijiet li jaqgħu taħt l-artikolu 4(1)(e) u 4(1)(f) tal-Avviż Legali 79 tas-sena 2006 (Leġislazzjoni Sussidjarja 504.71).

12. Minn kif inhu redatt ir-regolament 27(2), jirriżulta li reat dawn taħt dawn iż-żewġ subparagrafi għandu jġorr l-istess piena li hija marbuta ma' reati kontra r-regolamenti 4(b), 18(1)(a), 18(1)(ċ), 18(e), 18(1)(f)(ii)(aa) tal-Liġi Sussidjarja 504.71 jekk r-reat jinvolvi xi għasfur fl-Iskeda 1 jew VII.

13. Issa fiż-żewġ imputazzjonijiet hemm indikati għasafar li jaqgħu taħt l-Ewwel Skeda.

14. Isegwi għalhekk li l-proviso li għalih jirreferi l-Avukat Ġenerali u li hawn fuq huwa riprodott b'ittri grassi japplika għall-imputazzjonijiet li tagħhom instab ħati l-appellat.

**Konklużjoni**

15. **Għaldaqstant il-Qorti qed tilqa' l-appell tal-Avukat Ġenerali u qed tirriforma s-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati fl-ismijiet premessi fit-23 ta'Jannar 2013 billi waqt li qegħda tikkonfermaha fejn sabet lill-appellat ħati tal-ewwel u tat-tieni imputazzjoni, fejn illiberatu mit-tielet u mir-raba' imputazzjoni u fejn ikkundannatu jħallas multa ta' €500 u qed tirriformaha f'dik il-parti fejn il-Qorti naqset li tordna l-konfiska tal-'corpus delicti', ċioe' l-għasafar li jaqgħu taħt l-Ewwel Skeda tar-regolamenti msemmija kif ukoll naqset li tordna l-iskwalifika mil-liċenzji li jistgħu joħorġu taħt ir-regolamenti msemmija f'din is-sentenza jew taħt it-Taqsima XV tal-Kap 10 u minflok il-Qorti qed tordna l-konfiska ta' dawk l-għasafar li jaqgħu taħt l-Ewwel Skeda [1[1]]kif indikat fiż-żewġ imputazzjonijiet. U, barra dan il-Qorti qed tiskwalifika lill-appellat milli jkollu xi liċenzja jew permess maħruġa taħt ir-regolamenti msemmija jew taħt it-Taqsima XV tal-Kodiċi tal-Liġijiet tal-Pulizija għal żmien sentejn.**

---

[1[1]] Fl-imputazzjonijiet ma hemm ebda indikazzjoni li l-għasafar imsemmijin l-oħra jaqgħu taħt is-Sebgħa Skeda.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------